MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Numru 689/2001

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

**Vs**

**Charlot Cauchi**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charlot Cauchi ta’ 18-il-sena bin Carmel u Emanuella nee’ D’Anastasi imwieled Marsa fit-28 ta’ Jannar 1984 u

joqghod Charlili, 10, Triq Indri Calleja, B'Kara li ghandu karta tal-identita' numru 0060384(M);

Talli fit-2 ta' Novembru 2001 ghall-habta tal-4.00pm, gewwa B'Kara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix hames mitt lira maltin (Lm500) imma hija izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment ta' Shirley Demicoli mill-Mosta.

Wara li rat l-Artikolu 358;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda ta' Jeffrey Bouvet mghotija viva voce quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2002, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, stante illi x-xhieda ta' l-istess Bouvet, tikkancella l-possibilita' jew almenu tohloq dubbju ragonevoli dwar il-prezenza ta' l-imputat Charlot Cauchi dak in-nhar ta' l-incident u fil-hin u lok imsemmi.  Ghaldaqstant qeghda tilliberah.

--------------------------------TMIEM--------------------------------